## 28 ta' Ġunju, 1958

**Imħallef:—**

## Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

**Il-Pulizija**

*versus*

Dr. Carmelo Caruana, B.A., LL.D., M.L.A., et.

**Provi — Dokumenti — "Files" Dipartimentali — Art. 637 (3) tal-Proċedura Ċivili — Art. 513 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Skond il-Proċedura Ċivili, ma tistgħax tintalab l-eżibizzjoni ta' ittri, dispaċċi, jew karti oħra li jagħmlu sehem minn korrispondenza ta' dipartiment tas-servizz publiku, Ċivili, Militari, Navali, jew tal-Forzi tal-Ajru, jew ta' rapport ta' dan id-Dipartiment, bħala prova f'ġudizzju ċivili.*

*Fil-Kodiċi Kriminali, mbgħad, jingħad liema artikoli tal-Proċedura Ċivili japplikaw fil-proċedimenti kriminali, u fl-enumerazzjoni ta' dawn l-artikoli, li ġew magħmula applikabbli għall-proċedimenti kriminali per riferenza, ma hemmx enumerat l-artikolu tal-Proċedura Ċivili li jagħti dan il-privileġġ lill-"files" dipartimentali.*

*B'dan kollu, però, ma jidherx li għandu jiġi negat lill-Kuruna l-istess privileġġ għar-rigward tal-"files" dipartimentali anki fil-proċeduri kriminali; u għalhekk dawn il-"files" ma humiex produċibbli fil-proċedimenti kriminali, jekk il-Prosekuzzjoni ma tadderixxix għat-talba li ssir għall-produzzjoni tagħhom.*

*U mhux biss il-produzzjoni ta' dokumenti uffiċjali ma tistgħax tiġi ordnata mill-Qorti, imma lanqas jidher, fl-istat attwali tal-liġi, li l-Qorti tista' teżiġi dikjarazzjoni tal-Kap tad-Dipartiment li tkun fis-sens li l-produzzjoni ta' dawk id-dokumenti tkun ta' preġudizzju għas-servizz publiku.*

Il-Qorti:— Peress li l-appell mis-sentenza fil-meritu jikkomprendi wkoll, kif jidher mir-rikors tal-appell, l-impunjazzjoni tad-digriet mogħti mill-Ewwel Qorti fid-19 ta' April 1958;

Peress li hu opportun li jiġi, qabel xejn, deċiż dan l-inċident probatorju;

Wara li semgħet it-trattazzjoni dwaru (verbal tal-14 ta' Ġunju 1958 fol. 63);

Ikkunsidrat;

Skond verbal reġistrat fis-seduta tad-19 ta' April 1958, miżmuma mill-Qorti tal-Ewwel Grad (fol. 17), id-difiża talbet li l-Gvern jeżibixxi l-"files" kollha relattivi għall-kwistjoni nvoluta f'dan il-proċess;

Dr. Caruana Curran għall-Prosekuzzjoni ddikjara li ma kienx pront jaderixxi għal dik it-talba. L-Ewwel Qorti, bid-digriet tagħha issa appellat (fol. 17), ċaħdet it-talba;

Kif jidher mill-verbal reġistrat minn din il-Qorti tal-Appell fis-seduta tal-14 ta' Ġunju 1958, fol. 63, Dr. Caruana Curran għall-Prosekuzzjoni ddikjara li, anki f'dan l-istadju, il-Prosekuzzjoni mhijiex pronta taderixxi għat-talba tad-difiża sabiex jiġu eżibiti l-"files" fuq imsemmijin;

Ikkunsidrat;

Il-pont sollevat mid-difiża huwa indubbjament ta' ċerta importanza, partikolarment minħabba xi kommenti li l-Qorti sejra tagħmel "in lege condenda";

L-argument tad-difiża hu dan. Fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, fl-art. 637(3), jingħad:— "Ma tistgħax tintalab l-eżibizzjoni ta' ittri, dispaċċi, jew karti oħra li jagħmlu sehem minn korrispondenza ta' dipartiment tas-servizz publiku, Ċivili, Militari, Navali, jew tal-Forzi tal-Ajru, jew ta' rapport ta' dan id-Dipartiment". Fl-art. 513 tal-Kodiċi Kriminali jingħad liema artikoli tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili japplikaw fil-proċeduri kriminali, iżda fost l-enumerazzjoni ta' dawn l-artikoli, li ġew magħmula applikabbli per riferenza, ma hemmx enumerat l-artikolu fuq imsemmi, 637 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. Minn hekk id-difiża tikkonkludi li l-privileġġ ma jestendix għall-proċeduri kriminali;

Verament, għall-aħjar preċiżjoni, għandu jingħad li, minbarra fl-art. 513, hemm riferenza għal artikoli oħra tal-Proċedura Ċivili fl-art. 380, 458, 459, u 641 tal-Kodiċi Kriminali; iżda lanqas hemm ma hu msemmi l-art. 637 tal-Proċedura Ċivili; u għalhekk, "pro tanto", l-argument tad-difiża ma hux infiċjat;

Il-Prosekuzzjoni donnha kienet tal-opinjoni li l-argument tad-difiża jista' jiġi skalzat bl-osservazzjoni li l-enumerazzjoni li hemm fl-art. 513 ma hijiex tassattiva, u li jista' jagħti l-każ li japplikaw artikoli oħra tal-Proċedura Ċivili fil-proċedimenti kriminali, avvolja ma jkunx hemm riferenza għalihom fil-Kodiċi Kriminali;

Verament, din l-osservazzjoni, "ut sic", ma hijiex preċiża. Infatti ġie ritenut mill-Imħallef Dr. Luigi Ganado, sedenti f'din il-Qorti fil-Ġurisdizzjoni Tagħha Ordinarja fil-kawża "Reġina vs. Sigismondo Savona", fil-25 ta' Mejju 1895, illi, "Nessuna disposizione del Codice di Procedura Civile può essere validamente applicata negli affari criminali, ammenocchè la legge non lo abbia espressamente dichiarato. Il che è così vero che, quando nel Codice Penale si sono volute adottare alcune disposizioni formanti parte del Codice di Procedura Civile, si fece specificamente un riferimento espresso a codesto Codice, come negli articoli......";

L-osservazzjonijiet ta' Andrew Jameson, sija dwar il-Proġett tal-Kodiċi Kriminali, sija dwar il-Proġett tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, ma jsemmgħux din il-kwistjoni;

L-Imħallef sedenti jaħseb, però, li dan l-inċident ma jistgħax jiġi riżolut "sic et simpliciter" in bażi għas-sentenza ċitata; għaliex, għalkemm l-estratt minnha ċitat hu konċepit in termini ġenerali, eppure l-ġudikant f'dik il-kawża kellu quddiemu inċident limitat, relattiv għall-funzjonijiet tad-deputat reġistratur in prim'istanza f'dik il-kawża, li lanqas hi materja probatorja, imma pjuttost materja ta' organizzazzjoni tat-tribunali;

Ikkunsidrat;

Ma jidherx li jista' jkun hemm dubju li l-liġi tagħna ġiet ispirata mill-Liġi ngliża in materja; għaliex, għar-rigward ta' materja probatorja, il-kummissjunarji ġuristi maltin li rrediġew il-Proġett segwew il-prinċipji ta' dik il-liġi. Infatti, fir-Rapport ta' Jameson, intitolat "Observations on the Proposed Code of Laws of Organisation and Civil Procedure for the Island of Malta", tas-26 ta' Diċembru 1850, paġ. 23, jingħad hekk:— "It is stated by the Commissioners, in their Report, that in the provisions on the matter of evidence, they have followed the spirit of the Proclamation No. 8 of 1825, of the Malta Government. This Proclamation embodied the principles and rules of English Law......";

F'monografija reċenti tal-ġurista ngliż George W. Keeton (paġ. 256 — The Solicitor — October, 1956), dan ittratta "funditus" il-kwistjoni ta' dan il-"Crown Privilege" għar-rigward ta' dokumenti tal-Gvern, u qal:— "It is no accident that the traditional claim for privilege for wide classes of public documents and departmental transactions should have become increasingly the subject of controversy during the past thirty years......" Dan l-awtur jirrileva kif fl-Iskozja hemm fil-liġi "an inherent power in the Court to override the Crown's claim of privilege for public documents". Hu jirrileva li darbtejn biss ġie eżerċitat dan il-poter mill-Qrati Skoċċiżi fl-aħħar sekolu, imma josserva assennatament li "the very existence of the power is a safeguard against abuse of a privilege which tends constantly to be stretched more widely";

Il-House of Lords, sedenti "pro tribunali" f'kawża reċenti Glasgow Corporation v. Central Land Board (1956), S.L.T. 41. sostniet il-privileġġ; imma membru tat-tribunal, Lord Radcliffe, "gave a clear hint that in the future, wherever possible, these claims of the Executive might be re-examined". U l-orjentament tal-ħsieb tal-ambjenti legali ngliżi in materja jista' jiġi anki deżunt mill-kommenti kontenuti fir-rivista legali "The Solicitor", December 1956, paġ. 310, dwar diskussjoni li saret fil-House of Commons fis-26 ta' Ottubru 1956 a propożitu ta' dan il-"Crown Privilege". "To this the Attorney General somewhat disturbingly replied that it was recognised that the public interest

and public security was more important than the perfect administration of justice. There were circumstances where the administration of justice had to take second place. This", kompla kkommenta l-iskrittur f'din ir-rivista, "is over generalisation, and could be used to justify almost any executive action";

Jista' jiġi deżunt ukoll dan l-orjentament mill-komment li sar fl-istess rivista, Jannar 1956, p. 2, a propożitu ta' dak li kien wissa, kif fuq ingħad, Lord Radcliffe "...... a plain hint has been given. It remains to be seen whether the departments will take it";

Għandu jiġi osservat, "in lege ferenda", illi reċentement il-"Law Reform Committee of the General Council of the Bar" fl-Ingilterra ppropona ċerti modifikazzjonijiet tal-"privilege" li jidhru ferm aċċettabbli. Jiġi wkoll osservat, dejjem "in lege condenda", illi fil-proċedura ngliża, skond il-formula approvata fil-kawża wkoll deċiża mill-House of Lords Duncan v. Cammell Laird & Co. Ltd. 1942, A.C. 624, il-privileġġ ma hux mogħti jekk il-Kap tad-Dipartiment ma jidherx quddiem il-Qorti u jiddikjara taħt ġurament illi hu qiegħed jitlob il-privileġġ għaliex id-dokumenti li tagħhom tkun mitluba l-produzzjoni "belong to a class which it is necessary for the proper functioning of the public service to withhold from production"; mentri d-dizzjoni użata fil-liġi tagħna, fl-art. 637 fuq riportat, hi kategorika, u ma tippostula ebda dikjarazzjoni simili, fil-waqt li hu deżiderabbli li almenu jiġi mpost dan ir-rekwiżit;

Fil-konfront tad-dizzjoni tal-Liġi Maltija ma hemm lok għal ebda indaġini; u kien għalhekk li l-Qorti tal-Appell, Awla Ċivili, fid-deċiżjoni tagħha tal-31 ta' Marzu 1924, fil-kawża "Dr. Carmelo Parnis ne. vs. Chetcuti et.", asteniet milli tagħmel ebda ndaġini, "avendo la legge pronunciati aprioristicamente e con dizione categorica improducibili a semplice domanda le lettere, dispacci, ecc." Kien għalhekk li l-Qorti tal-Ewwel Grad, fid-digriet issa mpunjat, ipproċediet fuq l-oppożizzjoni għall-produzzjoni magħmula minn Dr. Caruana Curran għall-Prosekuzzjoni, bla ma eżiġiet, kif ma jidherx li setgħet teżiġi, li jidher quddiemha l-Kap tad-Dipartiment fejn jinsabu dawn il-"files", sabiex dan

jagħmel dikjarazzjoni simili għal dik li soltu ssir fit-tribunali ngliżi, u li hu deżiderabbli, "in lege ferenda", li tibda ssir anki hawn Malta;

Ikkunsidrat;

L-Imħallef sedenti rrifletta "a lungo" fuq dan l-inċident u fuq l-implikazzjonijiet tiegħu, u wasal għall-konklużjoni illi, avvolja ma hemmx fil-Kodiċi Kriminali riferenza għa'l-art. 637 tal-Proċedura Ċivili, eppure ma jidherx li għandu jiġi negat il-privileġġ tal-Kuruna; u dan għal dawn ir-raġunijiet:—

1. Il-privileġġ hu materja inerenti fil-kwalità stess tad-dokument fih innifsu. Il-privileġġ hu "absolute", u bażat fuq "grounds of public policy". Issa, ma jidherx loġiku li wieħed jirritjeni li l-istess dokument għandu jkollu dan il-privileġġ quddiem it-tribunal ċivili, iżda mhux quddiem it-tribunal kriminali, meta r-"raison d'etre" tal-privileġġ tibqa' l-istess. Altrimenti jiġi li l-istess dokument jista' jkun "protected", per eżempju, fil-proċeduri ċivili għall-libell, u "disclosed" fil-proċeduri kriminali għal l-istess libell; mentri l-"basis" tal-"Crown Privilege" hi dejjem l-istess;

2. Din, ċjoè l-kwalità intrinseka tad-dokument, kienet probabbilment ir-raġuni l-għaliex ma nħassetx in-neċessità li ssir fil-Kodiċi Kriminali riferenza espressa għar-regola tal-Proċedura Ċivili;

3. Hemm anki l-"praxis curiae". Sa fejn jaf l-Imħallef sedenti, matul kważi dawn l-aħħar erbgħejn sena dejjem ġiet segwita, għar-rigward tal-proċedimenti kriminali, l-istess prattika segwita għar-rigward tal-proċedimenti ċivili, ċjoè li l-Qorti ma tħallix il-produzzjoni ta' dokument privileġġjat, ammenokkè l-Gvern ma jakkonsentix li jiġi prodott, kif ġie li jsir. Kien in vista ta' din il-"praxis curiae" dijuturna li fis-sentenza "Pulizija vs. Pace", Appell Kriminali 18 ta' Ġunju 1955, ċitata mill-Ewwel Qorti, l-Imħallef sedenti kien qal, "obiter", li l-Qorti ma setgħetx tordna l-produzzjoni ta' "file" uffiċjali, għad li żied jgħid

li kien deżiderabbli, stante x-xorta tal-kontestazzjoni, li l-"*file*" *jiġi prodott;*

Għalhekk din il-Qorti hi ta' fehma illi, skond il-Liġi Proċedurali Maltija, il-produzzjoni ta' dokument uffiċjali ma tistgħax tiġi ordnata mill-Qorti, u l-Qorti ma tistgħax lanqas teżiġi, fl-istat attwali tal-liġi (salvi emendi eventwali għall-futur), dikjarazzjoni tal-Kap tad-Dipartiment li l-produzzjoni tad-dokument tkun "injurious to the public service";

*Il-Qorti tapprezza dak li osservat id-difiża, fil-kors tal-*argumenti, li fil-kawżi kriminali, għad-differenza tal-kawżi ċivili, fejn ġeneralment huma nvoluti biss interessi ta' karattru privat, hemm involuti nteressi ta' ordni publiku, bħal ma huma l-libertà personali taċ-ċittadin, eċċ.; iżda jibqa' dejjem li l-"Crown Privilege" fuq imsemmi hu bażat fuq "reasons of public policy". "In lege ferenda" hu rakkomandabbli li l-privileġġ jiġi ristrett kemm jista' jkun, konformement għat-tendenzi attwali tal-leġislazzjoni u prattika ngliża, kif rilevati fil-monografija fuq imsemmija;

Għal dawn ir-raġunijiet, tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell mid-digriet fuq imsemmi, u tikkonferma l-istess digret.